KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 23 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2013 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fit-8.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.50p.m. | 10.25p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.35p.m. | 10.25p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 8.25p.m. | 10.25p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.45p.m. | 8.45p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | skuzata | |
| Kunsillier Mario Sammut | skuzata | |
| Kunsillier Kirby Fenech | skuzata | |
| Kunsillier James Cassar | 8.00p.m. | 10.25p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.37p.m. | 10.25p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 8.15p.m. | 10.25p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00p.m. | 10.25p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 (a) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 21 tal- 25 ta' April 2013.**

Il-Minuti tal-laqgħa Nru 21 li saret fil-25 ta' April, 2013 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament wara li saru żewġ korrezzjonijiet kif gej :

(i) F'item 3.00 Evaluation of Tender – Street Sweeping & Cleaning : Żdiedet sentenza fl-aħħar tat-tieni paragrafu « **Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazjoni tal-Kumitat'** ».

(ii) F'item 4.03 Punti Mqajjma mill-Minuti : inqatgħu l-kliem « **jgħin finanzjarjament** » u daħlu l-kliem « **jagħmel għotja ta' kotba** » u daħlu l-kliem « **primarja tal-Mosta** » wara l-kliem « **Librerija tal-Iskola** ».

**1.00 (b) Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 22 tad- 29 ta' April, 2013.**

Il-Minuti tal-laqgħa Nru 22 li saret fid-29 ta' April, 2013 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

## 2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti.

Il-Viċi Sindku s-Sur Joe De Martino qal li l-knis tat-toroq ta' madwar l-iskejjel kollha u b'mod partikulari ta' madwar l-iskola tal-kinder garten għandhom jinkinsu u jinżammu nodfa b'mod regolari.

Dwar Tat-Targa Battery, is-Sur Demartino qal li d-Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet, is-Sur Eman Schembri, ma kienx qed jirrispondi għat-talba għal-meeting miegħu dwar ħwejjeġ pendenti li kien baqa jiġu diskussi u solvuti mad-Dipartiment. Sar qbil li l-Kunsill għandu jmur gand il-Ministru.

Dwar l-iffirmar tal-ftehim mal-Mosta Football Club dwar il- Grawnd tal-Lgħajba, s-Sindku qalet li hija kienet infurmat lil-Club b'ittra li jekk ma jersqux għal-iffirmar tal-ftehim, il-grawnd ~~jittieħed lura~~ jerġa' jibda jiġi immaniġġjat mill-Kunsill.

Dwar il-Multi Purpose Ground tal-Lilly of the Valley School, is-Sindku qalet li ma kienx intwera interess min għaqdiet Mostin. Kien ġie deċiż li l-Kunsill jibqa jieħu ħsieb it-tindif u manutenzjoni ta' dan il-grawnd. Hija stiednet lill-Kunsilliera sabiex jekk jafu xi għaqda interessata f'dan il-grawnd iressqu l-proposti tagħhom.

**Sospensjoni tar-Regolamenti.**

F'dan l-istadju intalbet u giet approvata unanimament sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jittratta *item* 6 tal-agenda u jkun jista jitkellem is-Sur Vincent Borg direttur tal-kuntratturi V & C Contractors Ltd.

Is-Sur Vincent Borg ġie mistoqsi dwar il-prezzijiet tat-Tender li huwa kien issottometta għal kisi mill-ġdid bit-tarmak tat-triq ta fuq il-pont tal-Isperanza bħala parti mix-xogħol li kien qed isir bil-fondi tal-Measures 313/323 tal-MRRA. Is-Sindku qalet li għalkemm V & C Contractors Ltd. kellhom l-irħas prezz, kien jidher li l-prezzijiet kienu aktar għoljin min dawn li kienu tefgħu l-istess V & C Contractors Ltd ftit tax-xhur ilu għat-tender tal-PPP2.

Is-Sur Borg qal li filwaqt li t-tender tal-PPP2 kien jammonta għal 1.6 miljun Ewro dan it-tender kien ta' ftit eluf ta' Ewro u għalhekk ma kienx hemm fejn wieħed jista jraħħas u l-ispejjes tal-inġenji sabiex isir xogħol żgħir ta' ftit sigħat huma xorta daqs li kieku wieħed kien ser jagħmel xogħol kbir fl-istess post. Barra min hekk huwa spjega kif l-qatran u l-ispejjes kienu dejjem qed jiżdiedu.

Is-Sur Borg irrisponda għal mistoqsijiet diversi dwar dan it-tender u l-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender **KLM01/2013-Tender for Resurfacing of the Road Over Speranza Bridge** jingħata lil- V & C Contractors Ltd kif kien irrakkomandat mill-Kumitat tal-Aġġudikazzjoni tat-Tenders.

## 3.00 Materji Finanzjarji

### a) Lista ta' Pagamenti

Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Pagamenti annessa kif preżentata. Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera għal-fatt li l-allokazjoni tal-Kunsill għas-sena 2013 kienet giet imnaqqsa b'ammont ta' madwar 25,000 Ewro.

### (b) Listi tal-Works Orders u Purchase Orders

Ġew approvati unanimament il-Listi ta' Works Orders u Purchase Orders annessi kif preżentati.

### d) Lista ta Depożiti

Ġiet approvata unanimament il-Lista ta' Depożiti annessa kif preżentata.

## 4.00 Korrispondenza

Ġiet diskussa u deċiża lista ta' 9 *items* ta' korrispondenza kif jidher fil-lista annessa.

## 5.00 Rent Agreement

- **Mosta Day Centre / Youth Empowerment Centre**

Is-Sindku, Dott. Shirley Farrugia, spjegat li l-kera tal-postijiet li qed jintużaw bħala post għal Day Centre u Youth Empowerment Centre kienu qed jiswew lil-Kunsill ammont esagerat u dan wara li skont il-kuntratt ta' kera li l-Kunsill kellu mas-sidien tal-postijiet, il-kera ġiet awtomatikament riveduta mill-bidu tas-sena 2013. Il-kuntratt kien jorbot lill-Kunsill għal-5 snin oħra. Hija spjegat li kien hemm bżonn li jiġu iffrankati dawn l-ispejjes u għalhekk kien qed tiġi mitluba l-approvazjoni sabiex jsiru negozjati mas-sidien tal-postijiet sabiex l-Kunsill jinħall min dan l-kuntratt u jinstab post fis-sular ta fuq tal-Kunsill fejn jkunu jistgħu jiġu akkomodati l-anzjani tad-Day Centre u ż-żgħażagħ tal-Youth Empowerment Centre.

Ġie appovat unanimament li jsiru dawn in-negozjati mas-sidien u li jsiru l-alterazjonijiet meħtieġa li hemm bżonn fl-istruttura tas-sular ta' fuq tal-*premises* tal-Kunsill.

## 6.00 Awarding of Tenders

- **ARK 29/2012 – Tender for the Supply, Delivery and Installation of Touchscreen Information Kiosks for the Archaeotur Project**

Ġie approvat unanimament li l-Kunsill jilqa r-rakkomandazjoni tal-Adjudication Committee skont il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju , 2013 u dan it-tender jingħata lil- Sado Co. Ltd. bil-prezz ta' Euro 22,500. Kopja tal-Minuti tal-Adjudication Committee hija annessa ma' dawn il-minuti.

- **KLM 01/2013 – Tender for Resurfacing of the Road Over the Speranza Bridge, Mosta**

  Dan l-item ġie diskuss u deċiż aktar kmieni f'din il-laqgħa wara sospensjoni tar-regolamenti.

## 7.00 Relocation of Kiosks from Constitution Street

Dan l-item gie diskuss ukoll fl-item No.5 tal-Korrispondenza. Il-Kunsill qabel li dawk il-kiosks li kieneu ġew allokati b'mod temporanju ftit tas-snin ilu fi Triq il-Kostituzzjoni għandhom jiġu allokati f'Wesgħet Marco Montebello. Dan fid-dawl tad-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa snin ilu li ma għandhomx jitpoġġew kjosks f'din it-triq u li l-kjosks kollha għandhom jitpoġġew fiż-żona ta wara l-Knisja Rotunda u fiż-żona tal-Pjazza 16 ta' Settembru. Il-Kunsill ġie infurmat wkoll is-Supretendent Martin Sammut ma riedx li kjosks jitpoġġew quddiem l-għassa tal-pulizija Triq Salvu Dimech.

Il-Kunsillier Alex Muscat qal li filwaqt li huwa ma kienx joġġezzjona għal-fatt li kjosks ser jiġu trasferiti min Triq il-Kostituzjoni għal ħdejn il-Ġnien Reggie Cilia fil-post fejn llum hemm il-Bring-In-Site, huwa kien qed jissuġġerixxi li issir bye-law sabiex jiżdied il-prezz li jitħallas mis-sidien tal-kjosks u hwienet sabiex jarmaw fi żmien il-festa. Huwa ssuġġerixxa wkoll li jiżdiedu l-kjosks billi jitpoġġew kjosks ukoll fi Triq Avertan Fenech. Huwa qal li dan jista jkun sors ta introjtu għal-Kunsill.

## 8.00 Attivita – *Story Telling* – 8th June 2013

Ġiet approvata unanimament li ssir din l-attivita bħala għeluq tal-programm ta' Story Telling li kien suċċess. Għandhom jingħataw xi refreshments żgħar lit-tfal li jattendu. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri offra li jagħti b'xejn kotba lit-tfal bħala rigal tal-attendenza tagħhom ghal dan il-program.

## 9.00 Affarijiet Oħra

Is-Sur David Meilaq talab li l-Kunsill jagħti 'no objection' għal-attivita ta fund raising għal-Kirsty Vassallo fit- 30 ta'Ġunju 2013 fil-car-park ta' ħdejn ir-Rotunda. Il Kunsill qabel unanimament li jsir dan iżda oġġezzjoni li ssir ukoll *car drift* waqt din l-attivita minħabba periklu li din tista toħloq.

Ġiet approvata wkoll attivita għal-Anzjani għad-Dolphin Park fis-Salina organizzata nhar it-22 ta' Ġunju mill-Kunsilliera Marthese Mifsud. Il-Kunsill għandu jipprovdi u jħallas għat-trasport meħtieġ.

Il-Laqgħa tal-Kunsill spiċċat fil-10.25 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia<br>Sindku | John J. Camilleri<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |